**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 397/2016**

**KP (l-Ilmentatur)**

**vs**

**All Invest Company Ltd.**

**(C 22239) (il-Provditur tas-Servizz)**

**Seduta tat-28 ta' Novembru 2017**

**L-Arbitru ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jghid li huwa investa s-somma ta' €11,363.69 mal-*All Invest Co. Ltd*. fil-prodott *SNS Bank NV 6.25 2020.*

Illi huwa ma giex infurmat illi l-kapital li kien qed jinvesti ma kienx garantit.

Jghid li huwa investa s-somma ta €11,363.69, izda peress li wieghduh li jiehu lura €13,000, jippretendi li jiehu dan l-ammont.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ma ghandux il-kompetenza taht il-ligi, partikolarment l-Artikoli 19(1) u 21(1) tal-Kap. 555, Ii jisma' l-ilment odjern kontra Wallace Falzon in kwantu l-eccepjenti proprio mhuwiex "providitur tas-servizzi finanzjarji" u l-ilmentatur mhuwiex "klijent eligibbli" fil-konfront tal-esponenti Wallace Falzon proprio;

2. Illi preliminarjament, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ma ghandux il-kompetenza taht il-ligi, partikolarment l-Artikoli 19(1) u 21(1) tal-Kap. 555, Ii jisma' l-ilment odjern kontra *All Invest Company Ltd*. in kwantu l-

licenzja ta' *All Invest Company Ltd.* giet sospiza fis-6 ta' Gunju 2013, cioè ferm qabel id-data tal-04 ta' Awwissu 2016, meta gie intavolat l-ilment odjern, u allura skont it-tifsira tat-terminu "provditur tas-servizzi finanzjarji" fl-Art. 2 tal-Kap. 555, l-eccepjenti *All Investment Company Limited* mhix "*provditur tas-servizzi finanzjarji"* ghall-fini tal-Kap. 555 u l-ilmentatur ghalhekk mhuwiex "*klijent eligibbli*" fil-konfront tal-esponenti *All Invest Company Limited*;

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-ilmentatur u l-eccepjent Wallace Falzon. Wallace Falzon huwa direttur u ex-imjegat mas-socjetà eccepjenti *All Invest Company Ltd.* u, ghaldaqstant, Wallace Falzon ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilmentatur qed jilmenta illi gie ingannat u, ghaldaqstant, qieghed jigi inferit vizzju tal-kunsens meta l-ilmentatur ghazel li jinvesti fil-prodott *de quo*;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ilment odjern jidher illi huwa bbazat fuq allegazzjoni li l-ilmentatur ma giex infurmat illi l-kapital mhux garantit – intant, l-ilmentatur ma jsostnix illi huwa garrab xi telf - ma hux mifhum ghalhekk ezattament l-ilment x'inhu - haga li l-ilmentatur irid jiccara, u ghaldaqstant l-eccepjenti jirriservaw minn issa illi jressqu eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz kemm-il darba l-ilmentatur isostni li l-ilment tieghu huwa xi haga differenti mill-kwistjoni ta' tehid ta' kunsens;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccepjenti m' ghandhomx u qatt ma kellhom ebda kontroll u lanqas ma jiggestixxu u qatt ma kienu jiggestixxu huma l-investiment *de quo* [*All Invest Company Ltd.* hija biss intermedjarju], u, ghaldaqstant, ma jistghux jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investiment seta' garrab;

8. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nazzjonalizz-azzjoni tal-*SNS NV Bank,* u/jew l-esproprju tal-investiment *de quo* bit-telf li dan gab mieghu ghandu jitqies bhal '*casus*';
9. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, apparti li l-ilmentatur mhux qed jallega li sofra xi telf, jidher illi l-investiment *de quo* kien jammonta ghal Euro 11,363.69 u mhux Euro 13,000 kif allegat mill-ilmentatur;
10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti esebiti

Sema' x-xhieda

Ra l-atti l-ohra tal-kaz

**Jikkonsidra**

Dwar l-ewwel eccezzjoni fejn jinghad li Wallace Falzon m'huwiex *"provditur tas-servizzi finanzjarji"* f'ismu proprju, l-Arbitru jinnota li s-servizz ta' investiment finanzjarju u l-prodott *de quo* kien qed jinbiegh mill-kumpanija *All Invest Co.Ltd.* u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz hija *All Invest Co. Ltd.* u Wallace Falzon, f'ismu proprju, m'ghandux jitqies bhala parti f'dan il-kaz.

Dwar it-tieni eccezzjoni, jigifieri li l-licenzja ta' *All Invest Co. Ltd.* giet sospiza fis-6 ta' Gunju 2013, qabel id-data ta' meta gie intavolat l-ilment u, ghalhekk, ma taqax fit-tifsira ta' "*provditur tas-servizzi finanzjarji",* l-Arbitru mhux ser jilqa' din l-eccezzjoni ghaliex skont id-definizzjoni ta' "*provditur tas-servizzi finanzjarji"* fl-Art. 2 tal-KAP 555, il-legizlatur jghid li anke kumpaniji li ttiehditilhom il-licenzja ghandhom jitqiesu bhala provditur tas-servizz:

"*Provditur tas-servizzi finanzjarji li kellu l-licenzja sospiza jew irtirata mill-awtorità kompetenti, izda li kien licenzjat matul il-perjodu li fih ikun sar l-ilment minn klijent eligibbli maghmul lill-Arbitru, ghandu jitqies bhala li jaqa' taht it-tifsira ta' provditur tas-servizzi finanzjarji".*

Id-definizzjoni bl-Ingliz forsi hija maghmul b'mod aktar felici:

*"A provider of financial services which has had its licence suspended or withdrawn by the competent authority, but which was licensed during the period in relation to which a complaint by an eligible customer is made to the Arbiter, shall be considered as falling within the definition of a financial services provider."*

Il-hsieb tal-legizlatur kien li, provditur tas-servizz li l-licenzja tieghu tkun sospiza, xorta wahda ghandu jibqa' responsabbli ghan-nuqqasijiet tieghu, u l-hsieb tal-legizlatur kien li, ghax provditur tas-servizz ikun sanzjonat mill-*MFSA* ghal xi nuqqasijiet li jkun ghamel, m'ghandux jibbenefika mill-istess nuqqasijiet tieghu u ma jwegibx f'kaz li jkun jinstab responsabbli li ghandu jindennizza lill-konsumatur. Wiehed irid ihares lejn l-ispirtu tal-ligi u xi skopijiet trid tilhaq.

Ghal dawn il-motivi l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni, kif digà intqal, ir-relazzjoni guridika ma kienetx bejn Wallace Falzon personalment, imma ma' *All Invest Co. Ltd.*,u dan kif jidher car mid-dokumenti esebiti anke mill-ilmentatur. Ghalhekk, Wallace Falzon, fil-kapacità personali tieghu, qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju kif digà intqal.

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz jeccepixxi l-preskrizzjoni a bazi tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ibbazata fuq l-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, l-istess artikolu jistabbilixxi li: *"Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbi-lixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn".*

L-ilmentatur mhux qed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt imma qed jghid li meta inbieghlu l-prodott in kwistjoni dan ma inbieghlux tajjeb, u b'hekk, il-provditur

tas-servizz kiser l-obbligi kuntrattwali tieghu meta ma qallu xejn dwar ir-riskji tal-prodott u li seta' jitlef il-kapital tieghu.

Galadarba l-ilmentatur mhux jitlob ir-rexxissjoni, allura din il-preskrizzjoni ma tapplikax.

L-eccezzjoni l-ohra tal-preskrizzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 li jghid li *"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn."*

Dwar din il-preskrizzjoni l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak deciz fis-sentenza: **Go plc vs Charles Dimech,**[1] fejn il-Qorti qalet:

*"Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'.*

*Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn."*

Barra minn hekk, kif intqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Avv. Dr. Pio M. Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 t'Ottubru 2016:

*"Il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)."*

F'dan il-kaz jidher car li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda kuntrattwali kif jirrizulta mill-***Purchase Contract Note***[2]**, il-*Client Confidential Fact Find***[3] **u t-*Terms of Business.***[4]

F'dan it-tip ta' servizz ikun qed jinbiegh prodott finanzjarju u, ghalhekk, min-natura tat-tranzazzjoni bilfors li jkun hemm rabta u obbligi kuntrattwali.

[1] PA, 28 ta' Lulju 2011
[2] A fol 8
[3] A fol 18 et seq
[4] A fol 26

Dan gie ritenut ricentament mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] f'kaz li jixbah lil dak l-odjern u l-Qorti iddecidiet li tapplika l-preskrizzjoni kuntrattwali u mhux dik akkwiljana.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

Illi dwar l-eccezzjoni numru sebgha, li *All Invest Co. Ltd*. ma ggestitx il-prodott hi izda kienet *"intermedjarja",* l-Arbitru ser jichad din l-eccezzjoni ghaliex, f'sens legali, il-provditur tas-servizz odjern kienet kumpanija licenzjata mill-*MFSA* biex toffri servizzi finanzjarji b'attenzjoni specjali ghal klijenti *"retail"* bhalma hu l-ilmentatur; u meta tkun qed toffri dawn is-servizzi tkun qed tagixxi ta' principal fir-relazzjoni li tohloq mal-ilmentatur bir-rabta kuntrattwali li tinholoq.

Imkien ma jirrizulta li l-ilmentatur b'xi mod gie infurmat li *All Invest Co. Ltd.* kienet qed tagixxi ta' *"intermedjarju".* Thallset tas-servizz u ma tistax titqies li kienet xi agent imma kienet il-principal tant li anke harget ricevuta tal-hlas f'isimha. Fl-ghoti ta' dan is-servizz hija tkun qed iggorr ir-responsabbiltà li tiehu hsieb flus haddiehor u, ghalhekk, anke tinholoq rabta fiducjarja li hija kontemplata wkoll fil-Kodici Civili. Hemm ukoll is-sens tal-*buona fede*: l-ilmentatur kien qed jafda lil Wallace Falzon ghall-*All Invest Co. Ltd.,* u lilu kien jaf u mhux lil xi kumpanija barranija.

Li kieku l-Arbitru jilqa' din l-eccezzjoni jkun qed jaghmel ingustizzja ghax ikun qed jezonera lill-provditur mir-responsabbiltà tieghu fiducjarja u kuntrattwali li dahal ghaliha u li taghha jrid igorr ir-responsabbiltà.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid iqis jekk l-ilment hux wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[6]

L-ilmentatur jghid li hu qatt ma gie infurmat li l-kapital ma kienx garantit u, ghalhekk, qed jallega *mis-selling* tal-prodott.

*Mis-selling* isehh meta ssehh xi wahda jew aktar mis-segwenti:

---

[5] Roland Kissaun Darmanin vs GlobalCapital Financial Management Ltd, PA, 1/06/2017

[6] KAP 555, Art 19(3)(b)

- Ma jigix spjegat ir-riskju involut;
- Meta ma jinghatax taghrif kif il-flus ikunu ser jigu investiti;
- Meta l-prodott ma jissodisfax il-bzonnijiet (*not suitable*) u l-attitudni tar-riskju tal-investitur;
- Meta ma jigix spjegat il-prodott mibjugh;
- Meta ma jigux spjegati l-kundizzjonijiet u t-termini marbutin mal-prodott;
- Meta jinghata taghrif qarrieqi (*misleading)* dwar il-prodott;
- Meta ma jigux spjegati ic-*charges* relevanti u l-penalitajiet marbuta ghal min johrog kmieni mill-prodott;
- Ma jigix spjegat id-dritt tal-*cooling-off period* u d-dritt li bniedem jikkancella fejn il-prodott finanzjarju jitlob dan.

Din il-lista m'hijiex ezawrjenti izda biss wahda ezemplikattiva. Biex jasal ghall-konkluzjoni jekk sarx bejgh hazin tal-prodott, u jekk il-provditur tas-servizz qediex l-obbligi kuntrattwali tieghu, l-Arbitru ser jaghti harsa lejn l-investiment fl-*SNS Bank NV 6.25 2020,* lejn il-profil tal-ilmentatur u x'gara waqt it-tranzazzjoni.

**L-Investiment**

L-investiment li dwaru qed isir ilment huma n-*Notes* li nhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien ta' 6.25%.

L-i*Status* tan-*Notes* kien *Tier 2 Subordinated* li tfisser li min jinvesti jirrenkja fost tal-ahhar jekk tfalli l-kumpanija.

Fuq perjodu ta' tliet snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies.* It-tendenza ta' whud minn dawn l-agenziji kienet li, minn zmien ghal zmien, jitbaxxew ir-*ratings* fuq il-bank.

Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min jghinhom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas.

**S*ubordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni. Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Min kien qieghed ibiegh dawn it-tip ta' *bonds* kellu, qabel kollox, jara li l-investitur kienx f'qaghda li jifhem sew mhux biss in-natura ta' dawn il-*bonds* imma wkoll ir-riskji abbinati maghhom. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Fis-sena 2008, il-Gvern Olandiz kien digà ghen finanzjarjament lil dan il-bank u l-fatt li dan il-bank kien bank importanti fl-Olanda ma kienx ifisser, jew kien hemm xi garanzija, li dan kien ser jibqa' jigi mghejjun mill-Gvern. Fil-mument li dan il-bank gie nazzjonalizzat kien ghadu ma hallasx dan id-dejn kollu.

Ghalhekk kien digà hemm indikazzjoni sa mill-2008, li dan il-bank kellu l-problemi. Mhu tal-ebda konfort ghall-ilmentatur li banek ohra wkoll kellhom il-problemi.

Dan ifisser li erba' snin qabel ma nvesta l-ilmentatur, il-bank kien qed jigi mghejjun mill-Gvern ghaliex kellu l-problemi.

L-investiment tal-ilmentatur sar f'Novembru 2012.

Sa nofs dik is-sena, l-bank kien digà habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu.

Anke f'nofs dik l-istess sena, l-Istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi.

Huwa fatt li riskju fuq *subordinated bonds* kien hemm, anzi tista' tghid li zdiedu aktar bil-ligi li kien ghadda l-istat f'dik is-sena stess.

F'dan kollu, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh it-tip u l-profil ta' riskju tal-investitur.

Fl-ebda cirkostanza *subordinated bond* ma kien ikun tajjeb ghal investitur kawt jew investitur li ma kienx jaf xi jfisser *subordinated bond* u r-riskji li kien fih.

Lanqas ma kellu jkun offrut lil investitur jekk mhux b'certezza li l-investiment f'*subordinated bonds* kien parti minn firxa wiesa' ta' investimenti diversifikati.

Ghalhekk ma jistax jitqies kaz ta' *casus*. Il-provditur tas-servizz kellu jara qabel kollox min kien ser jinvesti.

**Kif sar l-investiment**

F'dawn il-kazi, sabiex l-Arbitru jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, irid imur fl-istadju pre-kuntrattwali sabiex jara jekk il-bejgh sarx sew jew le.

F'dan il-kaz, l-Arbitru ghandu zewg verzjonijiet, dik tal-ilmentatur u dik tal-provditur tas-servizz.

L-ilmentatur jghid li ma kienux gew spjegati lilu r-riskji tal-investiment filwaqt li l-provditur tas-servizz jghid li kien spjegalu kollox.

L-ilmentatur, bil mod kif xehed quddiem l-Arbitru, li seta' josserva anke l-komportament tieghu, wera bic-car li ma kienx xi investitur li seta' jifhem x'inhu *subordinated bond.* Kien minghalih li kien qed jinvesti f'xi investiment sod bhalma kien xi kont normali f'bank:

*"Jien dak iz-zmien ma kontx nifhem li kien hemm riskju. Staqsejt darba darbtejn u qalli li flusi fis-sod u nohodhom lura ghax kienu f'bank. Jien hsibtu li dan kien kont tal-bank, fis-sod".*[7]

Fl-affidavit tieghu jghid li hu kien mar biss skola primarja u xogholu kien li jbiegh iz-zebgha. Ghalkemm kien jaf jaqra bil-Malti, bl-Ingliz ma kienx jaf jaqra u kulma kien investa qabel kien fil-*Vilhena Government Bond Funds,* li kien ghamilhom fuq parir tal-*Bank of Valletta.* Dan l-investiment wahdu, maghmul ghalih mill-*BOV,* ma setax jaghmlu investitur ta' esperjenza biex jifhem xi jfisser is-sinifikat u r-riskju ta' *Tier 2 Subordinated Bond,* li jirrenkja minn tal-ahhar jekk kien ifalli l-bank, kif fil-fatt ghamel.

L-Arbitru jhoss li l-verzjoni tal-ilmentatur hija aktar kredibbli ghal dawn ir-ragunijiet.

---

[7] A fol 136

Filwaqt li Wallace Falzon jghid li spjegalu kollox, kien hu li mela d-dokumenti li fosthom hemm dikjarazzjoni li "*We confirm that **we have read** the Client Profile and confirm that….etc.*"[8]

Din id-dikjarazzjoni mhijiex veritiera ghaliex l-ilmentatur ma kienx jaf jaqra bl-Ingliz.

Barra minn hekk, meta l-provditur tas-servizz ghamel l-"*Appropriateness Test*" hemm diversi dikjarazzjonijiet li m'humiex veritieri, per ezempju, li l-ilmentatur kellu,"*the knowledge and experience in the investment field to enter into this transaction*" u l-provditur tas-servizz nizzel "*Yes*".[9]

L-istess ghad-dikjarazzjoni "*Is the client familiar with the type of service, transaction and financial instruments being offered?*" Il-provditur nizzel "*Yes*", meta dan ma kienx minnu.[10]

U hekk, ghall-mistoqsijiet l-ohra li ma jirrispekkjawx il-verità, meta wiehed ihares lejn il-profil tal-ilmentatur.

Dan ifisser li dawn id-dokumenti imtlew kif imtlew biex jiggustifikaw l-investiment, u mhux ghaliex kienu qed jirrapprezentaw il-verità.

Dawn id-dokumenti, li l-provditur juzahom bhala difiza tieghu biex jghid li, galadarba ffirmahom kien jaf x'qed jigri, fil-fatt jikxfu id il-provditur tas-servizz ta' kif saret it-tranzazzjoni.

Persuna li tbiegh iz-zebgha, u li kulma kienet ghamlet tranzazzjoni ta' investiment wiehed fuq parir tal-*BOV,* lanqas ma tikkwalifika bhala investitur li seta' jifhem "*the risks involved with respect to the product or investment service offered*"[11] kif hemm fil-*File Note*.

Mill-*Appropriateness Test* li ghamel il-provditur tas-servizz kellu jirrizulta li hafna minnu kellu jkun fin-negattiv u, mhux kif ghamel il-provditur tas-servizz, li kollox iffirma "*Yes*".

---

[8] A fol 123
[9] A fol 122
[10] Ibid
[11] Ibid

Minn *Appropriateness Test* veritier kellu jirrizulta li dan l-investiment ma kienx addattat ghall-ilmentatur u ma kienx jilhaq l-aspettattivi tieghu.

L-aspettattivi tieghu, fl-età ta' 'l fuq minn sittin sena, ma kienux li b'xi mod jirriskja l-flus li kien faddal izda, kif xehed huwa stess, kien qed jahseb biex izid id-dhul minn dan l-investiment ghal mal-pensjoni:

"*Jien dawn il-flus hdimt ghalihom bl-gharaq ta'xbini u li naf li fi ftit xhur tlift kollox … illum il-gurnata flok li qed ingawdi l-pensjoni qed ikolli nibqa' nahdem biex inlahhaq mal-hajja.*"[12]

Il-provditur tas-servizz jipprova jezonera ruhu wkoll billi iddeskriva s-servizz li ta lill-ilmentatur bhala "*promotion and selling*" li tfisser li ma kienx qed jaghtih parir. Persuna bil-profil u bil-livell ta' edukazzjoni tal-ilmentatur kellu jinghata servizz ta' parir u jigi iggwidat kif xieraq biex ikun f'qaghda jiddeciedi jekk kellux jinvesti jew le.

Ghalkemm hemm fil-*File Note* li l-ilmentatur seta' jiehu parir minghand haddiehor, fir-realtà dan ma setax jaghmlu ghaliex it-tranzazzjoni saret dakinhar stess.

Imma anke kieku kellu jigi ammess li seta jinghata servizz ta' *promotion and selling,* xorta wahda kellu jaghmel l-*Appropriateness Test* - mhux fuq il-karta billi jittikkja l-kaxxi kollha kif digà inghad - imma billi jaghmel evalwazzjoni serja jekk l-ilmentatur kellux "*knowledge and experience*" biex jifhem dik it-tranzazzjoni u sa fejn setghet twasslu.

Ghalhekk, l-Arbitru jemmen lill-ilmentatur meta jghid li ma kienx gie spjegat lilu r-riskju li kien fih il-prodott u jikkonkludi li ma kellux jinbiegh lilu.

Fl-agir tieghu, il-provditur tas-servizz ma onorax l-obbligi kuntrattwali tieghu, li jbieghlu prodott li jkun addattat ghalih u ghall-aspettattivi tieghu, li jzid xi haga mad-dhul biex izidha mal-pensjoni.

Kuntratt ta' investiment m'huwiex kuntratt semplici. Il-provditur tas-servizz, bhala persuna licenzja mill-*MFSA*, huwa marbut li jhares ir-regolamenti *Investment Services Rules - Standard Licence Conditions( SLC),* li dahlu fil-

---

[12] A fol 118

legizlazzjoni taghna, d-Direttiva *MiFID,* li fost affarijiet ohra, riedet taghti protezzjoni ahjar lill-konsumatur.

Ghalhekk, dawn il-kuntratti jridu jinqraw ukoll fid-dawl ta' dawn ir-regolamenti, u normi specjali jipprevalu fuq il-ligi generali. Dan anke gie konfermat mill-Qorti taghna fil-kaz *All Invest Co. Ltd.* **vs X et**[13] fejn qalet:

*"Fl-istess waqt meta kumpanija kostitwita skont il-Kap 386 imbaghad tezercita mansjonijiet specjali u specifici li huma regolati b'legislazzjoni specjali specifika hemm it-twettieq tal-obbligi taghha jitwessa' bil-bosta u jaqbez dak li huwa previst mil-ligi generali.*

*Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, ghax jaf illi t-trasparenza, ir-responsabilitajiet fiducjarji, u l-kontabilità jigu l-ewwel u qabel kollox, il-legizlatur haseb ghal legizlazzjoni kwazi kwazi of strict liability sabiex ihares b'mod legittimu u xieraq min jinvesti fil-konfront tal-operaturi tas-settur.*

*Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan kollu li semghet waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni illi fil-kawza tal-lum ghandu jghodd il-principju tad-dritt illi lex specialis derogat lex generalis."*

Ghalhekk, il-Qorti qalet li l-*Investment Services Rules - Standard Licence Conditions,* ghandhom jinqraw haga wahda mal-Kapitlu 370 *(Investment Services Act)* u li:

*"Dawn ir-regolamenti li gew mahruga mill-MFSA ghandhom is-sahha ta' ligi, u ghalhekk huma specjali ghaliex jirregolaw l-procedura li ghandha tigi segwita fl-ambitu tas-servizzi finanzjarji.*

*Kumpanija li qed tipprovdi servizzi finanzjarji ghandha obbligi u kondizzjonijiet sabiex topera u li maghhom ghandha tottempera ruhha."*

Fil-kaz Evelyn Farrugia et vs *GlobalCapital Financial Management Ltd*,[14] il-Qorti applikat dawn ir-regoli biex waslet ghad-decizjoni taghha fejn qalet li n-nuqqas tal-osservanza ta' dawn ir-regolamenti wasslu ghan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi kuntrattwali, wasslu ghal dikjarazzjoni ta' danni kuntrattwali li kienu jammontaw ghas-somma investita.

[13] PA, 30/3/2017
[14] PA, 11/07/2016

Barra minn hekk, skont il-KAP 555 tal-Ligijiet ta' Malta, li holoq l-Ufficcju tal-Arbitru hemm imnizzel car u tond li l-Arbitru:

*"jikkunsidra u jiehu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta' ligijiet applikabbli u rilevanti,* ***regoli u regolamenti, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imgiba ta' provditur ta' servizz****, inkluz linji gwida mahruga mill-awtoritajiet supervizorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment."*[15]

Meta sar dan l-investiment, il-provditur tas-servizz ma segwiex dawn ir-regolamenti fosthom, SLC 2.21, li tghid:

"*When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded."*

Imma, fuq kollox, ma gietx segwita l-aktar regola bazilari ta' dawn ir-regolamenti li tghid:

"*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients…."*[16]

Kif qalet il-Qorti fil-kaz fuq citat, ***All Invest Co. Ltd. vs X et,*** f'dawn it-tranzazzjonijiet ta' servizzi finanzjarji hemm fuq kollox relazzjoni fiducjarja li, skont il-provedimenti tal-Kodici Civili,[17] hemm l-obbligu li min ikun fdat bi hwejjeg haddiehor, ghandu jagixxi b'dik id-diligenza mehtiega ta' missier tajjeb tal-familja.

Li kieku l-provditur tas-servizz mexa b'dan il-mod ma kienx joffri dan il-prodott li ma kienx addattat ghal-livell ta' riskju li ried jiehu l-investitur, kien ifiehmu sew in-natura tal-investiment, u wara *Appropriateness Test* sew, kellu jasal ghall-

[15] Art 19(3)(c)
[16] SLC 2.01
[17] Art 1124 A et seq

konkluzjoni li ma joffrilux dan il-prodott. Hekk jghidu l-*Investment Services* Rules - *Standard Licence Conditions.*

Ghalhekk, il-provditur tas-servizz kiser l-obbligi kuntrattwali tieghu li joffri prodott idoneju ghall-htigijiet tal-ilmentatur u naqas ukoll mill-obbligi fiducjarji tieghu u kkawza danni kuntrattwali lill-ilmentatur meta bieghlu hazin dan il-prodott.

Kif inhi l-prassi, u kif iddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili,[18] sakemm m'hemmx provi mod iehor, it-telf li sofra l-ilmentatur kien il-valur tal-investiment tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lill-*All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u tlieta u sittin ewro u disgha u sittin centezmi (€11,363.69).

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez legali tal-kaz ghandhom jithallsu mill-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[18] Evelyn Farrugia et vs *GlobalCapital Financial Management Ltd,* 11/07/2016